# SILLABU TAL-PSD L-EWWEL SENA

## L-EWWEL TERM

### Ottubru:

- Bħal xulxin u differenti: Aħna lkoll tfal imma kull wieħed minna hu differenti u għandu dritt li jkun differenti. F'din il-lezzjoni nagħtu kelma lil xulxin li se nkunu ħbieb u nżommu l-kunfidenzjalita' bejn il-grupp tagħna.
- Kif inħossni fl-iskola wara l-ewwel ġimagħtejn. Kif qed insbni fil-klassi, fil-HW u fl-istudju. L-istudenti jinqasmu fi gruppi ta' 3 jew 4 studenti.

### Novembru:

- Il-bullying: Min hu l-bully u min huma l-vittmi u għaliex. Mezzi li jgħinu kemm lill-bully u kemm lill-vittma biex jikbru.
- Perikli fl-iskola: Attenzjoni li ma nweġġgħux u ngħinu lil xulxin biex ma newġġgħux. Inċidenti li nistgħu nevitaw u x'nagħmlu f'kas ta' ħruq eċċ

### Diċembru:

- Jien dak li niekol: nedukaw lilna nfusna li nżommu dieta bilanċjata biex ma nimirdux u anqas inbatu b'kundizzjonijiet.
- Aħna u l-annimali. Għarfien biex inħobbu dak kollu li hu maħluq u qed jaqsam magħna din id-dinja.

## IT-TIENI TERM

### Jannar:

- Jew nisma' jew nitkellem. L-istudenti jkunu mgħallma li ħaġa waħda biss tista' tagħmel f'ħin partikulari. Eżerċizzji ta'kif nisimgħu, kif niftakru dak li nisimgħu u x'nistgħu nagħmlu biex jinħoloq ambjent ta' tagħlim.
- Is-sensi interni u s-sensi esterni. Nitgħallmu nużawhom ilkoll biex nikbru tassew fi bnedmin intelliġenti.

### Frar:

- Inkun assertiv. Kulħadd għandu d-drittijiet tiegħu u dawn għandhom jiġu rrispettati. Kif inkun assertiv jekk ħaddieħor inaqqasli dawn id-drittijiet.

### Marzu:

- Jien u l-oħrajn. Jingħaqdu iktar fil-grupp billi jingħataw tasks li jridu jilħqu flimkien. Jien qed ninbidel u nikber: Kif kont meta twelidt, 5 snin ilu, illum u kif inkun fil-futur.

**April:**

- L-Eżerċizzju, il-mistrieħ u l-indafa personali.
- L-abbuż: x'inhu, kif jinqasam, kif inħares lili nniffsi minnu u l-għajnuna li għandi nfittex.

**IT-TIELET TERM**

**Mejju:**

- Jien u l-familja tiegħi. Drittijiet u dmirijiet biex il-familja tiegħi tkun tassew tajba.
- Nirrispetta lili nniffsi u lill-oħrajn u niġbed lejja r-rispett ta' ħaddieħor.

**Ġunju:**

- Il-vaganzi: Kif inħarsu lilna nfusna mill-ħsara li jġib l-għażż u kif nistgħu nimpjegaw il-ħin biex inkomplu nedukaw lilna nfusna.
-

***Skema t'Assessjar***

1. Assessjar ta' Novembru – Imġiba – 10 marki
2. Xogħol skolastiku – 50 marka

3. Assessjar ta' Nofs is-Sena – Imġiba – 10 marki
4. Assessjar ta' Nofs is-Sena – Xogħol skolastiku – 50 marka
5. Eżami ta' Nofs is-Sena – 100 marka

6. Assessjar tal-Aħħar tas- Sena – Imġiba – 10 marki
7. Assessjar tal-Aħħar tas- Sena – Xogħol skolastiku – 50 marka
8. Eżami tal-Aħħar tas-Sena – 100 marka